MSIDA

# KUNSILL LOKALI L-IMSIDA

## Rapport Annwali Amministrattiv

## Jannar 2014 – Diċembru 2014

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| L-Introduzzjoni tas-Sindku | 2 |
| Il-Kunsill | 3 |
| Korrispondenza | 6 |
| Ħidma tal-Kunsill | 8 |
| Għeluq | 15 |

*1.0 - L-introduzzjoni tas-Sindku*

Dan ir-rapport isir kull sena biex il-Kunsill jinforma lir-residenti fuq ix-xogħol li jkun sar matul is-sena li tkun għaddiet. Nemmnu illi huwa obbligu tagħna illi nagħtu rendikont tal-ħidma kollha tagħna, u dana sabiex intom ir-residenti tkunu tistgħu anke tagħtu s-suġġerimenti tagħkom.

Jista' jkun li r-resident xi kultant jaħseb li l-Kunsill ma jkun qed jagħmel xejn, u dan minħabba li jsir ħafna xogħol li ma jkunx jidher. Dan ix-xogħol ikun l-ikbar uġiegħ ta' ras, u jkun jinvolvi ko-ordinazzjoni enormi. Huwa minħabba inizjattiva u ħidma bħal din li wieħed jasal biex finalment jitwettaq proġett, u għalhekk nemmen illi l-ħidma ta' dan il-Kunsill kienet waħda ta' suċċess.

Mill-banda l-oħra huwa minnhu li għad hemm xi jsir sabiex l-Imsida tieħu l-wiċċ li verament ħaqqa u biex il-Misidjani jgħixu fl-ambjent li jistħoqqilhom. Dan isir biss bil-ħidma tal-Kunsill Lokali u bl-għajnuna u bil-koperazzjoni kollettiva tar-residenti kollha ta' L-Imsida. Sfortunatament għadd hawn nies li jħammgu wara biebhom, u anke wara bieb ħaddiehor. Dan meta l-Kunsill jonfoq eluf ta' ewro f'servizzi ta' tindif, fil-fatt l-ammonti eżatti ser jiġu kkomunikati f'dan ir-rapport. Nappella biex kullħadd jieħu responsabilta' mhux biss tal-propjeta' tiegħu, imma ukoll tal-propjeta' tal-lokalita' tiegħu.

Nirringrazzja lil sħabi l-Kunsilliera tal- koperazzjoni ta' matul din is-sena u nawgura wkoll l-istess ħidma u kooperazzjoni matul l-2014.

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

*2.0 - Il-Kunsill*

### 2.1 Kunsilliera u Karigi

Is- sena 2014, ġabet maggħa l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali. F’ April beda jiffunzjoni l-Kunsill ġdid li ġie elett f’ Marzu. Għall-ewwel darba, minħabba li l-Imsida qegħda dejjem tikber, ġew eletti disa’ Kunsilliera, inkluż is-Sindku u Viċi-Sindku, minflokk sebgħa. Kull wieħed għandu r-responsabbilita’ ta’ kumitat u/jew sotto kumitat. L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet mogħtija lilu bl-Att XV ta’ l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv li għandha erbgħa uffiċċjali jassistuha minbarra numru ieħor ta’ esperti bħal perit, quantity surveyor u avukat fost l-oħrajn. Il-funzjoni tal-kumitati u s-sotto kumitati hi li jipproponu u jassistu lill-Kunsill fil-pjanijiet tiegħu sabiex iwettaq ir-responsabbilitajiet fdati lill-Kunsill, bħala l-gvern lokali ta’ l-Imsida.

Il-karigi tal-Kunsillieri u l-impjegati tal-Kunsill huma s-segwenti:

Sindku Margaret Baldacchino Cefai: Customer Care, Rappreżentanza tal-Kunsill fuq il-Kumitat tar-Reġjun, Edukazzjoni u Kultura, Rappreżentanza fuq il-Kumitat tas-Sajd

Viċi-Sindku Dr. Alex Sciberras: Finanzi u Fondi tal-UE, sostit tas-Sindku fuq il-Kumitat tar-Reġjun

Kunsillier Lino Bartolo: Anzjani u nies bi bżonnijiet speċjali, Ġonna Pubbliċi

Kunsillier Emanuel Brincat: Infrastruttura (MEPA), Traffic Management

Kunsillier Charles Selvaggi: Infrastruttura (MEPA), Traffic Management, Rappreżentanza fuq il-Kumitat tas-Sajd

Kunsillier Maurice Agius: Indafa Pubblika u Anzjani

Kunsillier Alan Abela-Wadge: Żgħażagħ u Sport

Kunsillier Romina Galea: Żgħażagħ u Sport

Kunsillier Matthew Agius: Fondi ta' l-UE, Rappreżentanza fuq il-Kumitat tas-Sajd

**Is-Segretarju Eżekuttiv Marita Portelli**: Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju

**Is-Sinjura Rachel Aquilina**: Sezzjoni Finanzi (Kontijiet u Pagamenti)
**Is-Sinjura Sonia Vassallo**: Sezzjoni Finanzi (Dħul u Permessi)
**Is-Sna Mirane Camilleri**: Sezzjoni Finanzi (Kontijiet u Amministrazzjoni)
**Is-Sinjura Gemma Cassar**: Sezzjoni *'Customer Care'*

Ġew maħtura wkoll il-Membri tas-Sotto Kumitati tal-Finanzi u tal-Offerti Pubbliċi:

**Kumitat tal-Finanzi:** Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, il-Viċi Sindku Dr. Alex Sciberras, Maurice Agius, Lino Bartolo u Alan Abela-Wadge.
**Kumitat ta' l-Offerti Pubbliċi:** Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, il-Viċi Sindku Dr Alex Sciberras, Emanuel Brincat, Lino Bartolo u Matthew Agius.

### 2.2 Attendenza fil-Laqgħat

Bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru, 2014 inżammu ħmisttax-il Laqgħa tal-Kunsill. L-attendenza mill-Kunsilliera kienet tajba ħafna.

| | Preżenti | Skużat/a | Assenti |
|---|---|---|---|
| Is-Sindku Margaret Baldacchino | 14 | 1 | 0 |
| Il-Viċi Sindku Dr Alex Sciberras | 8 | 7 | 0 |
| Il-Kunsillier Lino Bartolo | 14 | 1 | 0 |
| Il-Kunsillier Emanuel Brincat | 9 | 6 | 0 |
| Il-Kunsillier Alan Abela-Wadge | 14 | 1 | 0 |
| Il-Kunsillier Charles Selvaggi | 14 | 1 | 0 |
| Il-Kunsillier Matthew Agius | 12 | 3 | 0 |
| Il-Kunsillier Maurice Agius | 12 | 3 | 0 |
| Il-Kunsilliera Romina Galea | 15 | 0 | 0 |

Fl-aħħar ta' l-2013 inħatar ukoll Ambaxxatur tal-Vot 16, Jean-Claude Borg, li qed jattendi għal laqgħat u anke jipparteċċipa, pero' ma jkollux dritt għal vot. Is-Sur Borg attenda żewġ laqgħat tal-Kunsill.

*3.0 - Korrispondenza*

Matul dan l-aħħar xhur kompliet tingħata attenzjoni lejn il-kwalita' ta' servizz li jingħata mill-*front office*. Sabiex il-klijenti tagħna jkollhom feedback fl-iqsar żmien possibbli, kull korrispondenza tiġi rreġistrata u tgħaddi għand is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għall-attenzjoni tagħhom. Apparti minhekk, l-ilmenti jiġu sseparati bejn: dawk li jistgħu jingħataw attenzjoni immedjata, oħrajn li għandhom jingħataw attenzjoni minn Kunsillier responsabbli u lmenti oħra li jkollhom jitressqu quddiem il-laqgħa tal-Kunsill, sabiex fuqhom tittieħed deċiżjoni kollettiva dwar kif għandha tiġi rrimedjata l-problema. L-ammont ta' korrispondenza kienet imqassma hekk:

| Xahar | Ammont ta' Korrispondenza |
|---|---|
| **Jannar** | 86 |
| **Frar** | 86 |
| **Marzu** | 81 |
| **April** | 147 |
| **Mejju** | 179 |
| **Gunju** | 143 |
| **Lulju** | 151 |
| **Awissu** | 138 |
| **Settembru** | 152 |
| **Ottubru** | 130 |
| **Novembru** | 68 |
| **Dicembru** | 95 |

Minn dawn il-figuri jirriżulta li l-medja ta' korrispondenza fix-xahar kienet dik ta' 121 ittra.

Matul din is-sena saret deċiżjoni li s-sistema tal-'filing' ta' l-ittri ssir aktar effettiva billi kull ittra tiġi reġistrata ġo 'Exel Sheet' u jiġi nnotat il-fajl fejn tkun tpoġġiet. F'Diċembru ta' din is-sena l-Kunsill approva wkoll li ser jinġiebu xi ħaddiema minn skemi ta' 'Community Work' biex jagħmlu dan ix-xogħol għall-korrispondenza tas-snin ta' qabel biex b'hekk il-korrispondenza fil-Kunsill tkun organizzata ħafna iżjed.

Is-sistema li jħaddan il-Kunsill preżentament biex jirraporta l-ilmenti riċevuti, liema ilmenti ma jaqawx taħt ir-responsabilta' tiegħu, hija billi jirraporta dawn permezz tal-*Customer Care System.* Il-Kunsill ġieli jsib problemi minħabba li l-Enemalta jew xi Dipartiment ieħor tal-Gvern idum biex jieħu ħsieb l-ilment u għalhekk ġieli jsiru diversi 'reminders' u r-residenti jiġu informati li f'ċerta każi l-Kunsill jista' biss jagħmel ir-rapport.

Ilmenti bħal *refreshing* ta' sinjali tat-traffiku, bdil ta' lampi fit-toroq, ġbir ta' skart u oħrajn li jaqaw taħt ir-responssabilta' diretta tal-Kunsill jiġu solvuti immedjatament billi jsir kuntatt mal-kuntrattur mis-Segretarju Eżekuttiv jew jinqabdu l-ħaddiema tal-Kunsill biex imorru jagħmlu x-xogħol meħtieġ.

L-aktar ilmenti li jitresqu lill-Kunsill huma fuq problemi ta' skart, u għalhekk matul din is-sena l-Kunsill għamel diversi tentattivi biex jinforma lill-pubbliku fuq il-ġranet u l-ħinijiet tal-ġbir ta' l-iskart u l-postijiet fejn dan jista' jintefa'. Kien hemm diversi lmenti wkoll fuq il-problema ta' parkeġġ pero' l-Kunsill, li kellu l-għan li jagħmel skema tal-parkeġġ għar-residenti, ma setax jittratta din il-problema minħabba li l-Gvern Ċentrali għalissa ssospenda dawn it-tip ta' skemi.

*4.0 - Ħidma tal-Kunsill*

## 4.1 Ħidma *sub-contracted* lill-kuntratturi tal-Kunsill

### 4.1.1 – Ġbir ta' skart goff

Il-kuntrattur tal-Kunsill, is-Sur Alfred Galea, jagħti servizz ta' darbtejn fil-ġimgħa sabiex jinġabar dak l-iskart goff li ma jkunx jista' jinġabar mill-kuntrattur tad-*Domestic Refuse*. Ir-residenti jċemplu lill-Kunsill biex jgħamlu użu minn dan is-servizz li jingħata b'xejn. Kull tlett oġġetti li jinġabru jiswew lill-Kunsill €5.50. Sa l-aħħar ta' Diċembru 2014 il-kuntrattur żar 2524 residenzi biex jiġbor skart goff. F'din is-sena finanzjarja, dan is-servizz ħa jkun sewa lill-Kunsill madwar €13,191. L-ammonti ta' skart li nġabar kull xahar jidru hawn taħt:

| Xahar | Ammont ta' Ġbir ta' Skart Goff mir-Residenzi fl-Imsida |
|---|---|
| **Jannar** | 154 Msida, 28 Swatar – 182 |
| **Frar** | 134 Msida, 30 Swatar – 164 |
| **Marzu** | 146 Msida, 13 Swatar – 159 |
| **April** | 156 Msida, 19 Swatar – 175 |
| **Mejju** | 199 Msida, 24 Swatar – 223 |
| **Gunju** | 170 Msida, 24 Swatar – 194 |
| **Lulju** | 219 Msida, 33 Swatar – 252 |
| **Awissu** | 213 Msida, 40 Swatar – 253 |
| **Settembru** | 187 Msida, 29 Swatar – 216 |
| **Ottubru** | 241 Msida, 39 Swatar – 280 |
| **Novembru** | 227 Msida, 16 Swatar – 243 |
| **Dicembru** | 161 Msida, 22 Swatar – 183 |

4.1.2 – Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi

Il-kuntrattur tal-Kunsill, is-Sur Alfred Cutajar, jagħti servizz ta' tindif tal-latrini pubbliċi tliet darbiet kuljum. Huwa ukoll inkarigat li jieħu ħsieb li dawn il-latrini jkunu miftuħin għall-pubbliku bejn is-7.00 ta' filgħodu u t-8.00 ta' filgħaxija fix-xitwa, u mis-7.00 ta' filgħodu sal-11.00 ta' filgħaxija fis-sajf. Dan is-servizz f'sena jiswa lill-Kunsill €8,609

4.1.3. – Knis

Il-Kuntrattur tal-Kunsill, is-Sur Steve Rennie Farrugia, jagħti servizz ta' knis tat-toroq sitt ijiem fil-Ġimgħa. Hemm toroq li jinkinsu kuljum, oħrajn li jinkinsu darbtejn fil-Ġimgħa. Dan is-servizz jiswa lil Kunsill f'sena finanzjarja waħda €49,367

4.1.4 – Ġbir ta' skart domestiku bieb bieb

Il-Kunsill joffri servizz ta' ġbir ta' skart domestiku bieb bieb sitt ijiem fil-ġimgħa permezz tal-kuntrattur, is-Sur Steve Rennie Farrugia. Il-ġbir ta' skart jibda fit-8.00am. F'sena dan is-servizz sewa lill-Kunsill madwar €80,824,27. Il-kumment ġenerali dwar dan is-servizz huwa li l-kollettur jgħamel xogħlu sew, iżda ammont ta' residenti joħorġu l-iskart wara l-ħin tal-ġbir, jew inkella joħorġu skart meta tkun ġurnata li suppost jinġabar materjal ta' riċiklaġġ. Din hija problema illi aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qegħda tikber u għalhekk il-Kunsill talab kemm għal-'Green Wardens' u anke għal Pulizija Pajżana li qed iduru fiż-żona ta' L-Imsida biex kemm jista' jkun jgħinu biex jitnaqqas dan l-abbuż.

Infakkru li fil-Lokalita' ta' L-Imsida, l-iskart jinġabar kif ġej:

It-Tnejn, l-Erbgħa, l-Ħamis , l-Gimgħa u s-Sibt – Boroż suwed

It-Tlieta – Boroż Griżi

4.1.5 – Road Patching & Ancillary Works

Il-Kunsill għamel ukoll xogħlijiet ta' *patching* bil-ħaddiema tal-Kunsill billi inxtraw xi għodod biex jgħinu lil ħaddiema jagħmlu xogħol aħjar.

4.1.6 – Sinjali u marki tat-Toroq

Fejn sinjali tat-toroq ikollom jerġgħu jinżebgħu, l-Kunsill jagħmel użu mill-ħaddiema tal-Kunsill. Dawn jintbgħatu jgħamlu xogħol ta' din l-għamla kull meta jidħol lment jew meta ikun wasal iż-żmien li jerġgħu jinżebgħu għalhekk isir programm biex isir *refreshing* żona żona fl-Imsida. Fejn ikun hemm bżonn ta' sinjali u tabelli ġodda, l-Kunsill jgħamel użu mis-servizz tal-kuntrattur 'KOPTASIN', fejn sa Dicembru 2013 dan is-servizz sewa lill-Kunsill madwar €4,001.

4.1.7 – Manutenzjoni tal-Ġonna Pubbliċi

It-tindif ta' ġonna pubbliċi huwa ikkuntrattjat mal-*Environmental Landscapes Consortium*. Dan il-kuntratt jiswa lill-Kunsill madwar €17,634 fis-sena. Il-kuntratt jinkludi tħawwil ta' siġar u pjanti tal-istaġun madwar l-Imsida, kif ukoll is-servizz ta' ġardinar u *cleaner* għal ġonna kuljum, inkluż is-Sibt.

4.2 Xogħlijiet mill-Ħaddiema tal-Kunsill

Il-Kunsill għandu ħaddiem misluf lilu mill-kumpanija IPSL, u matul din is-sena kien hemm anke 2 oħra li intbagħtu mal-Kunsill fuq Skema imnegħdija miċ-ċentru tax-Xogħol u Taħriġ (ETC). Dawn jagħmlu xogħlijiet varji ta' manutenzjoni madwar l-Imsida kuljum, kif ukoll jindirizzaw l-ilmenti li jaslu għand il-Kunsill. Billi jagħmel użu minn dawn il-ħaddiema, l-Kunsill mhux biss jiffranka l-ispejjeż peress li dawn huma mħallsa mill-kumpanija tagħhom stess u mhux mill-Kunsill), iżda jevita ukoll ħafna burokrazija biex jiġi ordnat ix-xogħol, biex b'hekk, xogħol ta' manutenzjoni ikun jista' jsir malajr.

## 4.3 Skema ta' Xogħol fil-Kommunita'

Permezz ta' l-iskema imnegħdija miċ-Ċentru tax-Xogħol u Taħriġ (ETC). il-Kunsill għandu 2 haddiema, minbarra ta' l-IPSL matul din is-sena. Dawn il-ħaddiema jgħinu lil dak ta' l-IPSL fix-xogħol tagħhom fil-lokalita' u anke jgħinu fil-bżonnijiet amministrattivi ta' kuljum. Matul din is-sena wkoll ġieli kien hemm żgħażagħ li kienu qed jiskontaw sentenza ta' xogħol fil-kommunita' li taw sehemhom fl-Imsida billi għenu l-Kunsill f'xi xogħolijiet amministrattivi. Kien hemm 3 ħaddiema ta' dan it-tip matul l-2014.

Matul din is-sena l-Kunsill ġab xi nies mill-Faċilita' Korrettiva ta' kordin fejn qed joffru servizz taħt l-iskema ta' Community Work. Dawn qed jagħmlu xi xogħolijiet ta' tisbiħ u manutezzjoni fil-lokalita' ta' l-Imsida. Bħalisa għandna persuna waħda.

## 4.4 Traffic Management

Il-Kunsill kellu laqgħa mal-Periti l-Ġodda tard din is-sena fejn ingħataw xogħol biex jipproponu Traffic Management għaż-żona ta' ħdejn il-Junior College, iż-żona ta' ħdejn l-Invicta, fiż-żona ta' ħdejn Triq il-Baċir, Triq il-Kunċizzjoni u Triq San Alwiġi.

Il-Kunsill kien ukoll involut f'laqgħat mat-Trasport Malta minħabba l-proġett li ser isir fix-Xatt ta' L-Imsida. Dan il-proġett mistenni li jibda fit-tieni kwart tas-sena 2014.

## 4.5 Infurzar tal-Liġi

Fl-infurzar tal-liġi fil-lokal, il-Kunsill Lokali jagħmel użu kemm mis-servizz tal-Gwardjani Lokali u kemm mill-Pulizija. Is-servizz tal-gwardjan lokali iżda, b'riforma li saret mill-Ministeru matul is-sena 2011, gie delegat lir-Reġjun Ċentrali.

Din is-sena ħarġu 5679 taħrika fuq l-Imsida, filwaqt li ħlasijiet fuq taħrikiet kemm ta' din is-sena, u kemm oħrajn pendenti minn snin ta' qabel kienu ta' €187,56.88, madanakollu l-maġġur parti ta' dawn il-ħlasijiet marru għand ir-Reġjun Ċentrali.

Minkejja dan l-ammont konsiderevoli ta' ħlasijiet, xorta waħda d-debituri f'dan is-settur huma ta' madwar €300,012.73. Din is-sistema, din is-sena (sa Dicembru 2014) swiet lill-Kunsill madwar €657. Dan minħabba li dan is-servizz issa beda jiġi amministrat mir-Reġjun Ċentrali.

Il-Kunsill huwa f'kuntatt kontinwu ma' l-Ispettur tal-Pulizija fl-Għassa ta' L-Imsida u jsiru laqgħat regolari. Minħabba nuqqas ta' pulizija f'din l-Għassa l-Kunsill mhux dejjem isib il-kooperazzjoni li jkun hemm bżonn.

4.5.1 – Ħruġ ta' Permessi

Il-Kunsill joħroġ permessi li jingħataw għal diversi xogħlijiet. Matul din is-sena (sa Diċembru 2014) l-permessi maħruġa mill-Kunsill kienu jammontaw għal:

| | |
|---|---|
| Skips | €508,35 |
| Trenching | €41.94 |
| Cranes | €7419.70 |
| Tables | €1,333.08 |
| Kiosk | €1,024.76 |
| Materjal tal-bini | €617.78 |
| Attivitajiet Soċjali | €1,177.35 |
| **Totali** | **€12,122.96** |

## 4.6 Kumitat Amministrattiv Swatar

Il-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar jieħu ħsieb jamministra ż-żona tas-Swatar fl-Imsida u f'Birkirkara. Dan il-Kumitat huwa magħmul minn ħames persuni, u ċ-Chairperson hu s-Sur Matthew Mangion. Saru diversi xogħlijiet f'din iż-żona u din is-sena s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ta' L-Imsida saret is-Segretarju ta' dan il-Kumitat. Qed jitkomplew id-diskussjonijiet fuq titjieb tat-Traffic Management li kien sar, speċjalment biex is-Swatar ikollu ħruġ u dħul aħjar. Is-Segretarju ħadmet biex il-lokalita' tas-Swatar ikollu kont fejn

tidħol l-allokazzjoni taż-żona biex b'hekk ikun ċar l-allokazzjoni tas-Swatar kif tkun intefqet.

4.7 Proġetti

Matul l-ewwel nofs ta' din is-sena tlesta l-ġnien ta' quddiem il-Knisja, liema proġett kien iffinanzjat mill-'Urban Improvement Fund' (UIF) tal-MEPA. Dan il-proġett ġie jiswa' madwar €310,000.

4.9 Attivitajiet Soċjali u Edukattivi

L-impenn soċjali u edukattiv tal-Kunsill Lokali kompla din is-sena ukoll. Fost l-attiviatjiet li saru kien hemm is-segwenti:

- Ċentru ta' matul il-Jum għall-Anzjani li jiftaħ darbtejn fil-Ġimgħa (l-Erbgħa u l-Ġimgħa) u anke jiġu organizzati diversi attivitajjiet mill-istess Ċentru
- Ħarġiet ta' kull xahar għall-anzjani, fosthom (Ġurnata Għawdex, Wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira, Ħarġiet fi żmien Jum l-Omm u Ġimgħa Msida)
- Korsijiet tal-IT ghall-adulti u ghat-tfal organizzati mit-TCTC
- Korsijiet ta' 'crafts' għat-tfal
- Għajnuna Homework kull nhar ta' Erbgħa u Ġimgħa
- Korsijiet tal-Craft
- Il-Kunsill Lokali flimkien mad-Diviżjoni tas-Saħħa organizzaw Taħditiet Edukattivi dwar is-Saħħa
- Ġimgħa Misidjana:
- Attivita' ta' Mertu Msida,
- Ħarġa għal Akkwarju Nazzjonali u l-Park ta' l-Ilma,
- Hop on Hop off, Lejla Divertenti ta' Kant u Ċajt,
- It-Tilqima ta' l-Influenza lir-Residenti Misidjani li għandhom il-fuq minn 55 sena
- Bl-għajnua tat-TCTC sar upgrading tal-Computer Room li hemm fiċ-Ċentru Ċiviku tal-Kunsill. Għall-inawgurazzjoni attenda L-Onor Edward Zammit Lewis.
- Jum il-Librerija fil-5 ta' Di`embru li kienet attivita' ta' qari u 'crafts' fil-Librerija. Attenda din l-attivita' l-Onor. Evarist Bartolo, Ministru ta' L-Edukazzjoni
- Kummiedja 'It-Tieg ta' Karmena Abdilla' mtella minn għaqda voluntiera fl-Imsida bl-isem Ilħna Ferrieħa
- Fis-16 ta' Diċembru sar Kunċert fil-Knisja Parrokjali ta' San Ġużepp – Ilħna tal-Milied

- Mawra f’Għawdex għall-Misidjani: fejn żorna wkoll il-Presepju Ħaj ta’ Għajnsielem
- Diversi attivitajjiet organizzati ma’ l-għaqdiet ta’ L-Imsida, fosthom L-Għaqda tal-Ġostra, L-Għaqda Mużikali Banda Melita, St Joseph Nursery, l-Mużew Subien u l- Aċċess.

*5.0 - Għeluq*

Il-Kunsill il-ġdid għamel sena ta’ ħidma f’diversi oqsma fl-Imsida, bħal ma jidher minn dan ir-rapport u matul l-2015 bil-ħsieb li jkompli b’aktar proġetti.

5.1 – *Xogħol ippjanat għal-Matul l-2015*

**Skema tal-ipparkjar residenzjali:** Għalkemm dawn l-iskemi huma ‘*on hold’* l-Kunsill għandu l-ħsieb li jkompli l-proċess biex tiġi implementata din l-iskema fl-Imsida kif ir-regolamenti jiġu amendati.

**Indafa Pubblika:** Qed jintbagħtu Wardens u Pulizija pajżana biex isir inforzar fuq ħruġ ta’ boroż tal-iskart fil-ġranet u l-ħinijet stipulati mill-Kunsill. Il- Kunsill qed jaħdem biex jinstalla CCTV fejn il- Bring In-Sites u qed isiru wkoll diskussjonijiet biex jitnegħda xi proġett biex iħajjar lin-nies iżommu l-Imsida aktar nadifa.

**Integrazzjoni ta’ l-Immigranti**: Qed isiru wkoll diskussjonijiet biex isiru proġetti fejn l-Immigranti li jgħixu fil-lokalita’ ta’ l-Imsida jintegraw iżjed mar-residenti u jagħtu aktar is-sehem tagħhom fil-lokalita’.

**Ċentru Ċiviku:** Hemm il-pjan li jsir xi xogħol fil-bini taċ-Ċentru Ċiviku biex dan it-tieni sular ta’ din il-binja tkun tista tintuża biex jiġu organizzati aktar attivitajjiet għal-lokal.

**Proġetti:**

- Triq Ċensu Farrugia / Triq l- Irmigg: Il- Kunsill flimkien mal-Ministeru tat-Transport u Infrastruttura qed jistenna biex jinħarġu l- permessi neċċessarji mill-MEPA, biex l-Ministeru jkun jista’ jibda dan il- proġett. Fejn ser isir embellishment taż-żona.
-Jiżdiedu l- bankijiet fil-ġnien il-ġdid
-Traffic Management ħdejn il-Junior College u l- inħawi
- Xogħol biex jittranġaw il-banikini madwar il-lokal